2023/2552

30.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 155/2023

tat-13 ta' Ġunju 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2552]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1784 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-ekodisinn għat-tagħmir tal-iwweldjar skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħieġ għalhekk, li l-Annessi II u IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 6x (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/2024) tal-Kapitolu IV tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"6y. **32019 R 1784**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1784 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-ekodisinn għat-tagħmir tal-iwweldjar skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 121)."

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 26y (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/2024) tal-Anness IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"26z. **32019 R 1784**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1784 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-ekodisinn għat-tagħmir tal-iwweldjar skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 25.10.2019, p. 121)."

Artikolu 3

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2019/1784 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 272, 25.10.2019, p. 121.

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN